MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 140/2006

Ta’ Gauci Poultry Limited
vs
Win Invest Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi permezz ta’ cekk bankarju datat 7 ta’ Gunju 2004, enumerat 46412, mahrug mill-Bank of Valletta, is-socjeta` intimata Win Invest Limited, operatrici tal-lukanda Best Western Les Lapins, kienet irrikonoxxiet li hija kienet debitrici favur is-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ Lm14,483 (erbatax-il elf, erba’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin).

2. Illi l-imsemmija somma ta’ Lm14,483 (erbatax-il elf, erba’ mija u tlieta u tmenin lira Maltin) kienet rapprezentanti diversi fornituri ta’ tigieg u tajr iehor,

debitament mibjugha u konsenjati lis-socjeta` intimata, u l-istess socjeta` intimata kienet irrikonoxxiet dan id-debitu favur is-socjeta` rikorrenti tramite diversi korrispondenzi skambjati bejn il-partijiet.

3. Illi s-socjeta` intimata kienet amministrat lis-socjeta` rikorrenti pagament ta' Lm5,000 (hamest elef lira Maltin) fil-15 ta' Settembru 2004, permezz ta' draft bankarju mahrug mill-Bank of Valletta enumerat 397523, kif ukoll pagament iehor fl-ammont ta' Lm2,000 (elfejn lira Maltin), liema pagament kien thallas f'Mejju 2005.

4. Illi r-rimanenti bilanc ta' Lm7,483 (sebat elef, erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin) kien baqa' ma thallasx mis-socjeta` intimata, ghalkemm hija kienet giet interpellata gudizzjarjament permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-30 ta' Settembru 2005, u notifikata lis-socjeta` intimata fis-7 ta' Ottubru 2005.

5. Illi l-imsemmija somma ta' Lm7,483 (sebat elef, erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin) kienet dovuta lis-socjeta` rikorrenti immedjatament stante li kien oltrepassa t-terminu koncess lis-socjeta` konvenuta fl-ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru 2005.

6. Illi ghalkemm is-socjeta` rikorrenti kienet avvicinat lis-socjeta` intimata sabiex tonora l-obbligi taghha u teffettwa l-pagament dovut, is-socjeta` intimata kienet baqghet inadempjenti, u l-istess socjeta` intimata kienet uriet bic-car l-intenzjoni taghha li ma tonorax l-obbligi taghha favur is-socjeta` attrici;

7. Illi fl-umli fehma tas-socjeta` rikorrenti kienu jezistu l-elementi kolha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li dan id-debitu kien cert, likwidu u skadut, u ghalhekk is-socjeta` intimata ma kellhiex eccezzjonijiet xi tressaq.

8. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet taf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati u debitament enumerati.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li s-socjeta` intimata Win Invest Limited hija debitrici fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' Lm7,483 (sebat elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin).

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' Lm7,483 (sebat elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin).

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru enumerat 237/06 u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Gunju 2004 kontra s-socjeta` intimata sal-pagament effettiv, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi ghalkemm permezz tad-digriet tat-18 ta' Mejju, 2006 is-socjeta` intimata giet awtorizzata tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet, din baghet ma pprezentatx tali nota u ghalhekk baqghet kontumaci.

Gie prezentat affidavit ta' Marco Gauci wiehed mid-diretturi tas-socjeta` rikorrenti li fih issemma li hu kien qed jikkonferma li l-kumpanija tal-familja tieghu bieghet diversi fornituri ta' tigieg u tajr iehor lis-socjeta` intimata. Fid-6 ta' Gunju 2004 kienu nghataw mis-socjeta` intimata cekk bankarju fl-ammont ta' Lm14,483 li ma kienx issarraf. Wara s-socjeta` intimata tathom pagament ta' Lm5,000 f'Settembru 2004 u pagament ta' Lm2,000 f'Mejju 2005.

Ir-rimanenti bilanc li kien ta' Lm7,483 baqa' ma thallas qatt ghalkemm kienu rcevew korrispondenza li l-pagament ser jigi onorat.    Il-hlas pero` baqa' ma sarx.

Xehed Mark Gauci direttur fis-socjeta` rikorrenti li qal li minn meta ha l-gurament lil hawn huma ma thallasu xejn mill-ammont li kien dovut.

Xehed Norbert Fenech Direttur tas-socjeta` Win Invest Limited u Direttur tal-kumpanija Ta' Xbiex Lapins Limited li kkonferma d-dokument a fol 16 tal-process.

Rat illi ghas-seduta tal-lum ma deher hadd ghas-socjeta` intimata.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk fuq kontumacja tas-socjeta` intimata, peress li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati l-Qorti qedha tilqaghhom fis-sens li tiddikjara li s-socjeta` intimata Win Invest Limited hija debitrici fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' Lm7,483 (sebat elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin) u tikkundanna lill-istess s-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' Lm7,483 (sebat elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin).

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru 237/06 u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Gunju 2004 kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------